*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti E. Sliwinska u J. Crespo Carrillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Prollenium Medical Technologies, Inc. (Aurora, Ontario, il-Kanada) (rappreżentant: R. Lyxell, avukat)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-2 ta' Lulju 2021 (Każ R 146/2021-4).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Purasac Co. Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 422, 18.10.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2022 – Brand Energy Holdings vs EUIPO (RAPIDGUARD)**

**(Kawża T-573/21)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea RAPIDGUARD – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001 – Dritt għal smigħ")***

(2022/C 359/84)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Brand Energy Holdings BV (Vlaardingen, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: A. Hönninger u F. Dechent, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-30 ta' Ġunju 2021 (Każ R 294/2021-5).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Brand Energy Holdings BV hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha stess u kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

---

([1]) ĠU C 431, 25.10.2021.